**Emenda 91**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Anja Hazekamp, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) L-introduzzjoni ta' varjetajiet ta' pjanti fl-ambjent u/jew f'oġġetti tal-ikel jew fl-għalf li jistgħu jkunu differenti fil-ġenotipi u l-fenotipi intenzjonati jew mhux intenzjonati tagħhom minn dawk imnissla minn proċessi ta' tnissil konvenzjonali toħloq sfidi għall-awtorità regolatorja, li jeħtiġilha tiżgura s-sikurezza għas-saħħa u għall-ambjent. Tali differenzi jistgħu ma jkunux dejjem ovvji jew prevedibbli u għalhekk hija meħtieġa data xierqa qabel ma jistgħu jsiru konklużjonijiet dwar is-sikurezza tagħhom.*** |

Or. pt

31.1.2024 A9-0014/92

**Emenda 92**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Anja Hazekamp, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Peress li s-sostenibbiltà tinkludi diversi gradi ta' kumplessità, huma meħtieġa kriterji ċari u trasparenti għall-valutazzjoni teknoloġika xierqa qabel ma jistgħu jsiru konklużjonijiet mill-benefiċċji potenzjali tal-karatteristiċi speċifiċi tal-NGTs.*** |

Or. pt

31.1.2024 A9-0014/93

**Emenda 93**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Anja Hazekamp, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(7a) Il-kawżi sottostanti tal-ġuħ rarament huma relatati mal-ħsad limitat tal-għelejjel innifsu, iżda aktar mal-faqar, ma' aċċess mhux ugwali għall-ikel u ma' aċċess mhux ugwali għall-art u għall-mezzi tal-produzzjoni tal-ikel, nuqqas ta' appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola tal-familja, introjtu baxx u spekulazzjoni dwar il-kost tal-ikel imqiegħed fis-suq.*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

31.1.2024 A9-0014/94

**Emenda 94**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Anja Hazekamp, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Il-pjanti selvaġġi, is-siġar u l-algi jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*** |

Or. pt



Magħquda fid-diversità

31.1.2024 A9-0014/95

**Emenda 95**
**João Pimenta Lopes, Sandra Pereira, Anja Hazekamp, Manu Pineda**
f'isem il-Grupp The Left

**Rapport** **A9-0014/2024**
**Jessica Polfjärd**
Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) ***fejn xieraq,*** pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ. ***Dan il-perjodu jista' jkun differenti mill-perjodu tal-awtorizzazzjoni. Jekk, abbażi tar-riżultati ta' kwalunkwe rilaxx notifikat f'konformità mat-Taqsima 1, is-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju ambjentali, il-karatteristiċi tal-pjanta tal-NGT, il-karatteristiċi u l-iskala tal-użu mistenni tagħha u l-karatteristiċi tal-ambjent li jirċievi, f'konformità mal-att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-Artikolu 27, il-punt (d), l-applikant iqis li l-pjanta tal-NGT ma teħtieġx pjan ta' monitoraġġ, l-applikant jista' jipproponi li ma jissottomettix pjan ta' monitoraġġ.*** | (b) pjan ta' monitoraġġ tal-effetti fuq l-ambjent f'konformità mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE, inkluża proposta dwar kemm se jdum il-pjan ta' monitoraġġ. |

Or. pt



Magħquda fid-diversità